15 ta' Settembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Mikiel Vella

**Indiġenza — Reat tal-Kap ta' Familja li Jħalli l-Mara u lil Uliedu fil-Bżonn — Art. 352 (x) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-fatt li raġel, li jkun ġie kundannat talli ħalla lil martu u lill-uliedu fil-bżonn, wara l-kundanna jissewwa mal-mara u jkun qiegħed magħha, u jkun qiegħed imantni lilha u lill-uliedha, ma jħassarx il-ħtija tar-reat, għalkemm jista' jagħti lok għal moderazzjoni tal-kundanna.*

Fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat Mikiel Vella talli fl-aħħar ġimgħat ta' qabel it-taħrika, f'Raħal Ġdid, minħabba ħajja bla qies u żregolatezza, ħalla lil martu u lil uliedu fil-bżonn, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta b'sentenza tat-28 ta'

Lulju 1951, wara li rat l-art. 352 (x) tal-Kodiċi Kriminali, sabitu ħati u kkundannatu sitt ijiem detenzjoni;

L-imputat appella;

Il-Qorti semgħet bil-ġurament xhud, rat attijiet tal-kawża, u semgħet sew l-avukat ta' l-appellant kemm l-Avukat tal-Kuruna;

Irriżulta li preċedentement għall-fatti li taw lok għal din din il-kawża l-appellant kien ta' kondotta tajba u mill-kundanna 'l hawn reġa' ssewwa ma' martu, u qiegħed magħha, u qiegħed imantniha u lil uliedu. Iżda, dana, jekk jagħti lok għal moderazzjoni tal-kundanna, ma jneħħix il-ħtija tar-reat li, kif irriżulta, kien ikkommetta l-appellant meta ħalla l-familja mingħajr għajxien;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell rigward il-ħtija, u fuq dan tikkonferma s-sentenza appellata; iżda tirrevoka s-sentenza fuq il-piena, u tordna li l-appellant jiġi liberat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali.